MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2010

Numru 585/2010

PULIZIJA
SPETTUR JAMES GRECH
VS
JANET AZZOPARDI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata, Janet Azzopardi nee' Deguara ta' 39 sena, mart James Azzopardi, bint John Deguara u Concetta nee' Spiteri, imwielda Pieta' fit-22 ta' Gunju 1970, residenti 85, Paradise Hse, Triq Bellic, Qormi u detentrici tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 415970(M).

Illi hija akkuzata talli nhar is-26 ta' Frar 2010 ghal habta ta' l-12:45hrs gewwa Mc Donalds, sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta, bhala haddiema li dahlet fih minhabba s-sengha, professjoni jew impieg taghha, kkommettiet serq ta'

*mobile* ta' l-ghamla Nokia 5530W ta' valur li jeccedi € 23.29 izda ma jeccedix il-valur ta' € 232.94, liema serq huwa kkwalifikat bil-'Persuna' ghad-detriment ta' Karl Balzan detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 184290(M) u dan bi ksur ta' Artikoli 261(d) u 268(d) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata datata erbgha (4) ta' Ottubru, 2010;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputata zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghha, l-Qorti ssib lill-imputata **Janet Azzopardi** hatja skond l-akkuza w wara li rat l-Artikolu 261 (d), 268 (d), 269, 270 tal-Kap. 9 u Artikolu 22 Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta; tilliberha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputata, l-ammissjoni bikrija, l-fatt li giet ritornata ir-res furtiva w l-fatt li imputata bhala konsegwenza sofriet telf tal-impieg taghha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------